# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

## MAĠISTRAT
## DR. JOSEPH GATT LL.D.

### Udjenza ta' nhar it-Tlieta, 5 ta' Diċembru 2023

**Avv Nru: 217/23**
**Nru fuq il-Lista: 3**

### Fl-atti tal-ittra uffiċjali nru: 4277/06

### GO p.l.c. ġia Maltacom p.l.c. (C22334)

### vs

### Agnese Elnaib (K.I. 471163M)

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors promotur datat id-29 ta' Awwissu 2023[1], flimkien mad-dokumenti hemm anness, fejn, għar-raġunijiet hemm imfissra din il-Qorti intalbet sabiex terġa tgħajjex mill-ġdid it-titolu ottjenut mis-soċjetà attriċi, fil-konfront tal-konvenuta, wara ittra uffiċjali magħmula ai termini tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

[1] A fol 1 iet seq *tal-proċess.*

Rat id-dokument annessi mar-rikors promotur;

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta' Settembru 2023[2];

Rat dak li seħħ fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2023 fejn, għad li l-konvenuta ġiet debitament notifikata bl-atti ta' dawn il-proċeduri, hija naqset milli tħejji risposta għall-istess u li tidher formalment f'dawn il-proċeduri. Dakinhar il-proċeduri tħallew għad-deċiżjoni li qiegħda tingħata llum kif skedat.

Rat l-atti proċesswali kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija deċiżjoni dwar rikors magħmul ai termini tal-artkolu 258(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan wara lis-soċjetà attriċi kienet kisbet titolu eżekuttiv fil-konfront tal-konvenuta bis-saħħa ta' ittra uffiċjali bin-numru 4277/06 magħmula ai termini tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi tajjeb jingħad li l-liġi hija siekta dwar jekk fi proċeduri bħal dawn, il-konvenut għandux jingħata dritt ta' tweġiba u jekk għandux ikun hemm smiegħ.din il-Qorti jidhrilha li. Din il-Qorti tqis li ġaladarba ir-rikors jiġi maħluf minn min jagħmlu, allura anke in osservanza tal-prinċipju ta' *audi alteram partem*[3], huwa xieraq li l-allegat debitur jingħata terminu sabiex jirrispondi.

Illi huwa ben magħruf ukoll li f'proċedura bħal din, m'huwiex xogħol il-Qorti li terġa toħloq kanonizzazzjoni ġdida tal-kreditu, iżda huwa biss limitat sabiex jara li jkun skada

[2] A fol 10 u 11 tal-proċess.

[3] Fost diversi, din il-Qorti tirreferi għal dak raġunat u deċiż fid-deċiżjoni fl-ismijiet **HSBC Bank Malta vs Avv. Martin Fenech *et noe*,** (Rik Maħlur Nru: 854/2021) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-24 ta' Jannar 2022 (mhux appellata).

iż-żmien tal-eżegwibilitá tat-titolu eżekuttiv u li l-obbligazzjoni tal-ħlas tkun għada eżistenti[4].

Illi wara li din il-Qorti reġgħet rat ir-rikors promotur u d-dokumentazzjoni hemm annessa (ikkonfermati bil-ġurament kif trid il-liġi), kif ukoll in-nuqqas ta' tweġiba min-naħa tal-konvenuta, ssib lit-talba għandha tiġi milqugħa.

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan ir-rikors billi tilqá t-talba tas-soċjetà attriċi u tiddikjara li t-titolu miksub permezz tal-ittra uffiċjali bin-numru 4277/06 magħmula ai termini tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta bħala esegwibbli mill-ġdid u dan safejn jolqot il-bilanċ li għadu mhux imħallas[5] mill-konvenuta.

L-ispejjeż tal-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenuta.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur

---

[4] Fost diversi, wieħed huwa mistieden jara dak deċiż fil-proċeduri fl-ismijiet **Edgar Fava vs Gerald Rapinett *et,*** (Rik Nru: 1122/2017/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-25 ta' Frar 2021. Issir ukoll referenza għat-tfakkira magħmula fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Barclays Bank p.l.c. vs Martin Buhagiar *et,*** (Rik 490/2017/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-15 ta' Novembru 2023, fejn intqal hekk: *"Din il-Qorti terġa' tfakkar ukoll li l-proċedura mnedija taħt l-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta hija maħsuba biex tirrendi eżegwibbli mill-ġdid titolu eżekuttiv li jkun tilef eżegwibilità tiegħu. Dik ilproċedura ma kienet qatt maħsuba biex tistabbilixxi kemm hu d-dejn li għadu dovut. Kif ingħad bosta drabi fi proċeduri ta' din l-għamla, l-għan tal-Qorti huwa li tara jekk it-titolu eżekuttiv laħaqx "għalaq" u jekk kemmil darba d-dejn kanonizzat kienx għadu, imqar f'biċċa minnu, mhux Imħallas"*

[5] Fl-ammont ta' tnax il-elf, tmien mija u sebgħa u sebgħin Ewro u disgħin ċenteżmu (€12,877.90ċ) kif imfisser fir-rikors promotur.